**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 33 – IT-TNEJN 28 TA' SETTEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tnejn u tletin (32) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn l-15 ta' Settembru u t-28 ta' Settembru 2009.

2.2. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2285/09. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali reġa' fakkar lil-

Kunsilli biex jissottomettu t-talbiet tagħhom dwar inizjattivi ta' indafa fil-lokalita' tagħhom għal għajnuna finanzjarja.

2.3. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2293/09. L-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta reġgħet ikkonfermat is-sinjali tal-"parking-bays" u linji sofor li kien għamel il-Kunsill Lokali fi Triq Pawlu Grech xi sena u nofs ilu u bl-stess permess tal-Awtorita'

2.4. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2312/09. Din kienet risposta mingħand is-Supretendent Zammit lill-Pulizija kienu qed jieħdu passi fuq talba tal-Kunsill Lokali dwar il-klieb li kienu jiġġerew fi Triq Ġuze Galea.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il- 15 ta' Settembru u t- 28 ta' Settembru 2009, kif tidher annesa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru.924922 dwar ħofor li hemm fil-bankina ta' Triq Ġuze Pesci, il-Kunsill kien mwiegħed ħaddiema mil-Ministeru tar-Riżorsi Umani biex jkomplu x-xogħol li kienu bdew fil-Housing Estate tal-Iklin. Iżda dawn kienu irtirati fuq proġetti oħra. Għaldaqstant il-Kunsill sejjer jerġa jagħmel pressjoni biex jerġgħu jiġu jkomplu.

3.3 Rigward talba 724955 biex issir kaxxa safra quddiem garaxx fi Pjazza Ninu Cremona. Il-Kunsill ikkunsidra din it-talba u sejjer jinforma lis-sid li bil-liġi hu għandu jagħmel 'sticker' mal-bieb tal-garaxx li tgħid "No Parking - Garaxx jintuża 24 siegħa". Jekk tiġi imblukkata d-daħla tal-garaxx hu għandu javża mill-ewwel lill-Pulizija għat-towing.

3.4 Rigward ilment 324999 u 625000 dwar vetturi li jinsabu ipparkjati fl-istess post għal bejgħ fi Triq Dun Karm u Triq Ċensu Busuttil. Il-Kunsill bagħat żewġ rapporti kemm li Pulizija kif wkoll lil-gwardjani Lokal biex jieħdu passi.

3.5 Rigward talba 025002 biex isiru t-tabelli tar-Residents Parking fi Triq Ċensu Busuttil. Il-Kunsill qiegħed jikkunsidra din it-talba.

3.6 Rigward talba Nru. 125044 biex issir 'sleeping-policeman' fi Triq Ċensu Bugeja kantuniera ma' Triq L. F. Mizzi. Il-Kunsill qiegħed jikkunsidra din it-talba.

3.7 Rigward talba Nru. 525057 biex sewwieq ta' 'bowser' li joqgħod fi Triq Anton Buttigieg jkollu permess biex jidħol fl-Iklin. Il-Kunsill ma jistgħax jagħti permess minħabba l-periklu li jġib miegħu 'bowser' tal-petrol.

3.8 Rigward ilment Nru. 24-03 dwar siġar li qed jesporġu fuq il-bankina fi Trejqet il-Poeti u Triq P.P.Saydon; il-Kunsill ċempel darbtejn lis-sid bla ma ħa passi ; issa kiteb ukoll lill-Pulizija biex jieħdu passi minnufih.

3.9 Rigward talba Nru. 28-09 biex isiru l-linji sofor quddiem il-ħanut Ġiormina fi Triq Geronimo Abos kantuniera ma' Triq Klin. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIEQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat C.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Margaret Zamamit u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 00835/09, Garage 36, Triq Erin Seracino Inglott. Biex jiġi approvat garaxx kif inbena u tibdil minn parti tal-garaxx għal bejgħ ta' prodotti tal-vetturi u twaħħil ta' tabella. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.3 Dwar PA 00932/09 Dar Tana, Triq il-Klin c/w Triq Geronimo Abos. Alterazzjonijiet fl-ewwel sular, bini ta' sular ieħor u penthouse. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 05268/08 Tibdil fil-partijiet ta' barra inkluz swimming-pool, ħajt ta' madwar u reservoir tar-razzett eżistenti. Sit ġo tat-Tabib, Iklin.
PA 03497/09. Applikazzjoni preliminari biex titwaqqa' residenza fi stat perikoluż u bini mil-ġdid. Vetraum, Triq tal-Balal, Iklin.
PA 03423/09. Talba għal-approvazzjoni ta' 'canopy' tal-

canvas. 113, Triq Geronimo Abos, Iklin.

5.5 Il-Konsulent tekniku tagħna talab biex nagħmlu oġġezzjoni fuq dawn l-applikazzjonijiet:
PA 056310/08. Petlou, Triq l-Iklin. Iklin.
PA 03609/09. 41, Fingertips By Melissa, Triq Stefano Erardi c/w Triq Ċensu Bugeja.

## 6. ATTIVITAJIET MATUL IX-XAHAR TA' OTTUBRU.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex ikkonferma l-attivitajiet li kien ippjana l-Kunsill għal dan ix-xahar:

a. Fis-16 ta' Ottubru kienu sejrin jibdew il-klassijiet tal-Aerobics b'xejn għar-residenti. Dawn kienu parti mil-iskema Sports Għa Kulħadd taħt l-iskema għal-Kunsilli Lokali .
b. Fis-17 ta' Ottubru sejra issir attivita' sportiva għal kulħadd fi Pjazza Ninu Cremona mit- 3.00pm sal-5.00pm. Sejrin isiru ħafna attivitajiet sportivi. Din hija wkoll parti mil-iskema Sports għal Kulħadd. Is-Segretarju Parlamentari Għaż-Żgħażagħ u Sports, Clyde Puli, ġie mistieden għal din l-attivita'.
c. Fis-17 ta' Ottubru wkoll il-Kunsill sejjer jiftaħ Esibizzjoni ta' ritratti u xogħlijiet li għamel il-Kunsill Lokali matul dawn l-aħħar snin. Is-Segretarju Parlamentari Għad-Djalogu Pubbliku, Dr. Chris Said sejjer ikun preżenti.
d. Din l-Esibizzjoni sejra issir wkoll il-Ħadd 18 ta' Ottubru filgħodu bejn it-8.00am sal-12.00pm. Din l-attivita' tkun parti mill-Fiera ta' Solidarjeta li qiegħda torganizza l-Parroċċa dak in-nhar stess.

## 7. AĠĠORNAMENT.

8.1 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30pm u sar qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar t-Tnejn 12 ta' Ottubru fil-5.30 pm.

Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgha tal-Kunsill tat-Tnejn 12 ta' Ottubru 2009 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv. |